**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 5/2012**

**Illum: 27 ta' Mejju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Nikky Vella Petroni**
**(ID 456491(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Nikky Vella Petroni ta' 19-il sena, iben Pierre u Odelle nee` Turner, imwieled Zebbug nhar l-10 ta' Settembru 1991, residenti Dar it-Tuta, Triq il-Hwawar, Iklin u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 456491(M);

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fil-lejl ta' bejn il-25 ta' Gunju 2011 u s-26 ta' Gunju 2011:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-

licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fil-lejl ta' bejn il-25 ta' Gunju 2011 u s-26 ta' Gunju 2011, waqt li kien qed isir *party* gewwa *Popeye Village*, fil-limiti tal-Mellieha, PC 743 (illum Spettur) Kevin Pulis u PC 450 Christopher Bartolo innutaw persuna gewwa vann bid-dawl tal-kaxxa mixghul u peress illi ssuspettaw li setghet kienet ghaddejja xi serqa, huma avvicinaw l-istess vann, fethu l-bieba tieghu u ordnaw lil min kien gewwa biex johrog. Jirrizulta li fil-vann kien hemm l-imputat odjern. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu, f'zewgt ibwiet, wiehed tan-naha ta' quddiem u l-iehor ta' wara, instabu zewg pakketti b'sustanza bajda. Huwa nghata d-drittijiet tieghu skond il-ligi u ttiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal investigazzjoni ulterjuri.[1]

Fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2012, il-Prosekuzzjoni esebiet is-sustanza in kwistjoni u fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2014, id-difiza ddikjarat illi din is-sustanza hija droga kokaina u li ma kienx hemm il-htiega li l-prosekuzzjoni titlob il-hatra ta' espert sabiex janalizza din is-sustanza.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech[2] illi r-raguni ghaliex l-imputat gie akkuzat bil-pussess aggravat tad-droga kokaina kienet ghaliex fl-istqarrija rilaxxjata minnu huwa stqarr illi z-zewg pakketti li nstabu fuqu ma kinux tieghu, izda ta' habib tieghu. Fil-fatt fl-istqarrija rilaxxjata minnu[3] fis-sighat bikrija tas-26 ta' Gunju 2011, wara li nghata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jiehu parir legali, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx, l-imputat qal illi huwa qatt ma ha droga u mistoqsi allura kif instabu dawn iz-zewg pakketti fil-pussess tieghu, huwa jghid illi waqt li kienu fil-*party*, wiehed mill-hbieb tieghu ried johrog barra biex jaqdi l-bzonnijiet tieghu. Dan talbu biex imur mieghu u peress illi l-habib tieghu kien fuq *probation* dwar droga u stante li kien hemm hafna pulizija gewwa l-*party*, dan talbu biex izommlu dawn il-pakketti u huwa accetta. Jghid illi waqt li dan kien qieghed jaqdi l-bzonnijiet tieghu barra l-vann tieghu, huwa (cioe` l-imputat) dahal fil-vann biex jistennih, f'liema hin marru l-pulizija li ghamlulu tfittxija. Jghid illi waqt it-tfittxija dawn sabulu pakkett wiehed fil-but ta' wara, imbaghad huwa stess

---

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Kevin Pulis (a fol. 18 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PC 450 Christopher Bartolo (a fol. 31 *et seq* tal-process).
[2] A fol. 6 *et seq* tal-process.
[3] Din tinsab esebita a fol. 9 *et seq* tal-process.

qalilhom li ghandu pakkett iehor u tahulhom mill-but ta' quddiem. Mistoqsi ghaliex ma kinux fl-istess but, jghid "*ghall-ebda raguni partikolari*".
Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri[4], imbaghad, l-imputat jghid illi fil-jum in kwistjoni, kien mar mal-hbieb tieghu l-*party* biex jiccelebraw it-tmiem tal-ezamijiet universitarji u ddecieda li jixtri d-droga. Jghid illi ftit tal-hin wara, habib tieghu ddecieda li johrog mill-*party* biex jaqdi l-bzonnijiet tieghu u waqt li l-habib tieghu kien qed jaghmel dan, huwa dahal fil-vann biex jiehu d-droga. Jghid ukoll illi dak il-hin, ra xi dawl fil-hgiega ta' wara tal-vann u xi hadd beda jhabbat mal-bieba u li stante li ppanikkja, dahhal kollox fil-but, hareg mill-vann u sab il-pulizija. Jghid illi dawn sabulu pakkett minnhom waqt it-tfittxija li ghamlulu u huwa stess tahom il-pakkett l-iehor li kien qieghed fil-but. Jghid ukoll illi dak il-hin, huwa qalilhom li dawn kienu tieghu. Jghid illi l-pakketti kienu zghar u li effettivament dawn kienu tieghu, kif kien qal lill-pulizija. L-imputat jghid ukoll illi dak iz-zmien kien ghaddej minn perjodu hazin ghaliex ommu u missieru kienu qeghdin jisseparaw, li ma tantx kellu relazzjoni tajba ma' ommu u li missieru kien kollox ghalih u kien jghix mieghu. Dwar dan il-Qorti tinnota li anke fl-istqarrija, l-imputat kien qal illi jghix ma' missieru. Jghid ukoll fix-xhieda tieghu, illi ftit tax-xhur qabel, kienu saru jafu li missieru kellu kancer rari hafna u li hu kien jiehu hsiebu u ghalhekk huwa ma xtaqx jinkwieta lil missieru u talab ukoll lill-pulizija, sabiex jibaghtu l-karti dwar il-kaz lilu dirett jew inkella jcemplulu. Jghid ukoll illi ghalkemm kien qal lill-pulizija li d-droga kienet tieghu, sakemm wasal id-*depot* u ttehditlu l-istqarrija, beda jahseb f'missieru u anke fil-*coaches* tal-futbol u beza' u allura ddecieda li jghid li ma kinux tieghu ghaliex haseb li b'hekk kien ser jehlisha hafif u dan anke ghaliex huwa qatt ma kellu esperjenza mal-pulizija qabel dakinhar. Jghid illi madankollu din id-droga kienet tieghu u li kienet kokaina.

Fir-rigward tal-kredibilita` u l-verosimiljanza ta' din ix-xhieda tal-imputat, apparti li l-Qorti setghet tifli l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, tqis ukoll illi fix-xhieda tieghu, mistoqsi jekk meta l-imputat gie arrestat, wara li nghata d-drittijiet tieghu, huwa kienx qal xi haga lill-pulizija, l-Ispettur Kevin Pulis qal hekk: "*Jekk mhinix sejjer zball kien qalilna li dik hija tieghu, bhal speci, ghax issa ghadda daqxejn taz-zmien, pero` jekk mhinix sejjer zball kien qalilna li dik kienet ghall-uzu tieghu, just kien qieghed hemmhekk biex juzaha*". Jidher ghalhekk – u dan tal-inqas sal-grad tal-probabbli - illi huwa minnu li l-imputat kien qal lill-pulizija *a tempo vergine*, hekk kif gie arrestat, li d-droga misjuba fuqu kienet tieghu u li kien qalilhom ukoll li kien qieghed fil-vann biex juza d-droga. Il-Qorti fil-fatt tqis ukoll f'dan ir-rigward illi huwa izjed verosimili li l-imputat mar fil-vann sabiex juza d-droga milli sempliciment sabiex jistenna lil siehbu sakemm dan

[4] A fol. 39 *et seq* tal-process.

kien qed jaqdi l-bzonnijiet tieghu, ghaliex x'sens kien jaghmel li l-imputat jidhol fil-vann sakemm jistenna lill-habibu? Dan ma kienx xi lejl xitwi fejn allura jista' jinghad li l-imputat seta' hass il-bard. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, u b'mod partikolari tax-xhieda tal-Ispettur Kevin Pulis, li kif inghad tikkorrobora x-xhieda tal-imputat f'dawn il-proceduri, tenut kont tal-ammont minimu tad-droga misjuba fil-pussess tieghu, li skond il-Prosekuzzjoni kellha piz ta' cirka 0.9 grammi u li jikkombacja sew ma' ammont ta' droga ghall-uzu personali, il-Qorti tqis illi ma tistax tasal sal-konvinciment morali illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx tieghu jew li ma kinitx intiza esklussivament ghall-uzu personali tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Mill-banda l-ohra, jirrizulta car, b'ammissjoni tieghu stess waqt ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina fil-lejl in kwistjoni u ghaldaqstant, it-tieni imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat li kienet wahda netta fiz-zmien tal-kaz odjern u in oltre illi jidher illi l-imputat ghandu hajja ferm stabbli.

Qieset ukoll illi fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-piz tas-sustanza mertu tal-kaz kien ta' cirka 0.9 grammi b'kollox. Ghaldaqstant, f'dan il-kaz ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tat-tieni imputazzjoni u qed tikkundannah ghall-penali ta' tmenin Euro (€80).

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument PG2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument

ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat